2026/1849

23.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1849

tat-23 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK [1].

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fir-Riżoluzzjoni ES-11/7 tagħha, adottata fl-24 ta' Frar 2025, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fakkret fil-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tagħha adottati b'rispons għall-aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari t-talba tagħha li r-Russja tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet, il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u t-talba tagħha għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari kwalunkwe attakk kontra persuni ċivili u oġġetti ċivili.

(4) Sakemm l-azzjonijiet illegali mill-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru r-regoli fundamentali tal-liġi internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza minquxa fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew tal-liġi umanitarja internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha imposti mill-Unjoni u li jittieħdu miżuri addizzjonali, jekk ikun meħtieġ.

(5) Fid-dawl tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa li għadha għaddejja u qed teskala kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(6) B'mod partikolari, huwa xieraq li d-derogi jiġu emendati sabiex jiġi żgurat il-forniment kontinwu ta' oġġetti u servizzi meħtieġa biex tinżamm l-infrastruttura tal-internet fir-Russja għall-pubbliku ġenerali.

(7) Huwa ġġustifikat li jiżdiedu 51 entità mal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Dawk l- entitajiet jiffurmaw parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, jew għandhom rabtiet kummerċjali jew rabtiet oħra mal-kumpless militari u industrijali tar-Russja jew mas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha. Restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja, huma imposti fuq dawk l-entitajiet. Huwa xieraq li ma' dak l-Anness jiżdiedu entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja u b'hekk jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq l-esportazzjoni, jew ifixklu l-fini tagħhom, inkluż il-miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq il-mikroelettronika, l-għodod tal-magni ta' kontroll numeriku bil-kompjuter (CNC) u t-tagħmir għall-ipproċessar tas-semikondutturi.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

(8) Huwa xieraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha, billi jiġu elenkati oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew għall-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inklużi: trabijiet tan-nikil, metall tan-nikil u ligi tan-nikil użati f'kisi reżistenti għall-korrużjoni tal-inġenji tal-ajru; trabijiet tal-berillju użati fil-propellanti, u f'ligi ta' prestazzjoni għolja; riti, tapes u strixxi awtoadeżivi użati fis-setturi ajruspazjali u tad-difiża; oġġetti tal-avjazzjoni speċifiċi għal vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), bħal tagħmir ta' appoġġ fuq l-art; sistemi ta' disturbazzjoni/interċettazzjoni, sistemi ta' llanċjar, u servomuturi; u sistemi ta' terminazzjoni tat-titjir għall-UAVs jew l-missili.

(9) Huwa xieraq li jiġu introdotti restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja, u b'hekk jippermettu l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż restrizzjonijiet fuq il-minerali tar-ram, il-minerali tan-nikil, il-minerali taċ-ċomb, il-minerali tal-metalli prezzjużi, iż-żingu mhux maħdum, il-metalli alkalini tal-art, ċerti sustanzi kimiċi inorganiċi (ossidi taż-żingu u ossidi tal-kromu), iż-żejt tal-tall, l-oġġetti tal-ħġieġ u l-partijiet tal-karozzi.

(10) Huwa xieraq li jiġu introdotti żewġ derogi sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun jistgħu jarmu b'mod sikur il-merkanzija taż-żejt Russa li jaqbdu u jikkonfiskaw. Għal dak l-għan, qed jiġu introdotti żewġ derogi li jippermettu operazzjonijiet rilevanti bħall-importazzjoni, it-trasferiment, il-ħżin, il-ġestjoni u l-bejgħ.

(11) Huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jawtorizzaw, skont kundizzjonijiet stretti, lill-importaturi biex ma jipprovdux evidenza tal-pajjiż ta' oriġini taż-żejt mhux maħdum fir-rigward tal-provvista ta' prodotti petroliferi miksuba f'pajjiż terz lir-reġjuni ultraperiferiċi u lill-pajjiżi u t-territorji -Ewropej assoċjati mal-Unjoni, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' prova ġustifikata tal-oriġini, minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi ta' dawk it-territorji u l-limitazzjonijiet tal-provvista tagħhom.

(12) Huwa xieraq li tiġi estiża d-durata ta' eżenzjoni mil-limitu massimu tal-prezz taż-żejt li tippermetti, fid-dawl tat-tħassib dwar is-sigurtà tal-enerġija, it-trasport, permezz ta' bastimenti, taż-żejt mhux maħdum li joriġina mill-Proġett Sakhalin-2 fir-Russja lejn il-Ġappun.

(13) Huwa ġġustifikat li tiġi introdotta sospensjoni tal-emenda tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt mhux maħdum. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1495 ([2]) ipprevediet proċedura biex jiġi modifikat il-limitu massimu tal-prezz taż-żejt mhux maħdum Russu skont il-prezz medju tas-suq taż-żejt mhux maħdum Russu. Kif indikat f'dik id-Deċiżjoni, dik il-proċedura hija maħsuba biex tiżgura li l-limitu massimu tal-prezz taż-żejt mhux maħdum ikun baxx biżżejjed f'kull ħin biex jitnaqqas id-dħul tar-Russja mill-esportazzjoni taż-żejt, filwaqt li jitqiesu l-flutwazzjonijiet preċedenti tal-prezzijiet. Fid-dawl tat-tfixkil eċċezzjonali reċenti fis-swieq taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti tal-petroleum, u biex jiġi żgurat li l-limitu massimu tal-prezz taż-żejt mhux maħdum jibqa' effettiv għall-kisba tal-objettivi tiegħu, huwa xieraq li tiġi sospiża l-emenda ta' dak il-limitu massimu tal-prezz. Fl-istess ħin, jixraq li jiġi previst rieżami interim ta' dik is-sospensjoni biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu jibqa' neċessarju u proporzjonat meta jitqiesu l-iżviluppi tas-suq. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kunsill jiddeċiedi li jemenda l-limitu massimu tal-prezz wara dak ir-rieżami interim. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kunsill, il-limitu massimu tal-prezz applikabbli ser jibqa' fis-seħħ. Mill-15 ta' Lulju 2027, ser terġa' tibda l-applikazzjoni tal-proċedura oriġinali biex jiġi emendat il-limitu massimu tal-prezz taż-żejt, bil-pubblikazzjoni f'dik id-data ta' avviż mill-Kummissjoni bil-limitu massimu l-ġdid tal-prezz u l-emenda tal- Anness XXVIII għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([3]) f'konformità mal-Artikolu 4p(12) tad-Deċiżjoni 2014/512 (PESK) u mal-Artikolu 3n(11) u mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1495 tat-18 ta' Lulju 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2025/1495, 19.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1495/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (OJ L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).

(14) Huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq it-trasferiment u l-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasferiment lil pajjiżi terzi ta' gass naturali likwifikat (LNG) li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat minnha. Dik l-eżenzjoni għandha l-għan li ttaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi sħab.

(15) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 ([4]) emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK sabiex tintroduċi projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' gass naturali likwifikat (LNG) li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat minnha. Dik il-projbizzjoni tapplika għal xiri u trasferimenti lejn l-Unjoni u lejn pajjiżi terzi.

(16) Huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni temporanja fir-rigward tat-trasferiment jew ix-xiri relatat ma' dak it-trasferiment ta' LNG li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat minnha meta tali trasferiment jew xiri relatat ma' dak it-trasferiment ikun destinat għal pajjiżi terzi. Sabiex jiġi żgurat li l-eżenzjoni temporanja ma ddgħajjifx l-objettivi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi b'mod espliċitu regola li l-kapaċità ġenerali tal-LNG Russu ttrasferit mill-operaturi tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi taħt l-eżenzjoni temporanja ma taqbiżx il-volum annwali tal-LNG li oriġina mir-Russja jew li ġie esportat minnha fl-2025, u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe żieda fid-dħul mill-esportazzjoni li r-Russja tikseb minn tali trasferimenti. Sabiex jiġi żgurat li l-eżenzjoni temporanja tkompli sservi l-objettivi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi li jaffettwaw lill-operaturi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta perjodikament il-miżuri u tippreżenta l-valutazzjoni tagħha lill-Kunsill. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kunsill jirrieżamina l-funzjonament tal-eżenzjoni temporanja u, fejn xieraq, ikun jista' jiddeċiedi li jqassarha, jestendiha jew itemmha.

(17) Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali u t-tneħħija gradwali ordnata tal-attivitajiet koperti mid-Deċiżjoni 201/512 (PESK), huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-eżenzjoni temporanja li tikkonċerna x-xiri u t-trasferimenti ta' LNG destinat għal pajjiżi terzi jenħtieġ li tapplika biss meta xiri jkun relatat ma' trasferiment imwettaq minn operatur tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali trasferiment jitwettaq abbażi ta' kuntratt fit-tul għall-provvista tal-LNG, esklużi d-derivattivi tal-gass naturali, li d-durata tiegħu tkun aktar minn sena, li ġie konkluż qabel l-24 ta' Frar 2022 u li ma ġiex emendat wara dik id-data għajr għall-finijiet limitati permessi skont id-Deċiżjoni 201/512 (PESK). Barra minn hekk, jenħtieġ li x-xiri relatat ma' dak it-trasferiment jiġi eżegwit huwa stess skont kuntratt fit-tul ta' aktar minn sena, konkluż qabel l-24 ta' Frar 2022 u mhux emendat wara dik id-data għajr għal dawk l-istess finijiet limitati. Tali kuntratt fit-tul ġeneralment irid ikun fih l-elementi kollha meħtieġa għall-validità tiegħu u għat-twettiq ta' tranżazzjoni, bħall-indikazzjoni tal-partijiet, il-prezz, il-kwantitajiet, id-dati tal-konsenja, il-punt tat-tagħbija jew tal-konsenja, il-modalitajiet tal-eżekuzzjoni. Kuntratti li fir-rigward ta' tali elementi jeħtieġu ftehim ulterjuri bejn il-partijiet kontraenti ma jaqgħux taħt l-eżenzjoni temporanja, bl-eċċezzjoni ta' emendi rigward il-finijiet limitati permessi espressament skont din id-Deċiżjoni, pereżempju fir-rigward ta' proċeduri operazzjonali bħal programmi ta' konsenja annwali jew kwalunkwe aġġustament operazzjonali ta' rutina simili ieħor. Bidliet għal tali elementi bbażati fuq klawżoli kuntrattwali unilaterali li ma jistgħux jiġu opposti mill-parti kontraenti l-oħra ma jipprekludux l-applikabbiltà tal-eżenzjoni temporanja. Jenħtieġ li x-xiri l-ieħor kollu mhux marbut ma' trasferiment speċifiku minn operatur tal-Unjoni jiġi pprojbit mill-1 ta' Jannar 2027. Peress li, minn dik id-data, tali xiri ma jistax jibqa' jsir legalment sakemm ma jibqax marbut ma' trasferimenti minn operaturi tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni temporanja, huwa ċar li l-impossibbiltà ta' prestazzjoni li tirriżulta tista' tiġi invokata bħala force majeure għall-fini tat-terminazzjoni ta' obbligi kuntrattwali eżistenti sal-punt li dawk l-obbligi ma jkunux jistgħu jkomplu jitwettqu fir-rigward ta' trasferimenti mwettqa minn operaturi tal-Unjoni.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2032 tat-23 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2025/2032, 23.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2032/oj).

(18) Fir-rigward tal-projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi fit-terminal tal-LNG, huwa xieraq ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-projbizzjoni jkompli jiġi raffinat.

(19) L-Unjoni diġà adottat deżinjazzjonijiet speċifiċi għall-bastimenti sabiex jitrażżnu l-operazzjoni tal-bastimenti rilevanti. Tali operazzjonijiet jistgħu jiddependu mill-forniment minn bastimenti ta' pajjiż terz ta' servizzi bħal bunkering, servizzi ta' rmonk u trasferimenti minn bastiment għal ieħor. Sabiex il-forniment ta' tali servizzi jiġi indirizzat u skoraġġut, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju ta' deżinjazzjoni biex jinkludi l-bastimenti li jfornu tali servizzi. Huwa xieraq ukoll li jiġu introdotti deżinjazzjonijiet addizzjonali ta' bastimenti.

(20) Ir-Russja tikseb dħul sinifikanti mill-bejgħ taż-żejt. Huwa xieraq li tiġi introdotta projbizzjoni fuq kwalunkwe tranżazzjoni ma' raffineriji fir-Russja u f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jintużaw għall-ipproċessar jew ir-raffinar taż-żejt mhux maħdum jew l-ipproċessar jew it-taħlit ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkati fl-Anness XIII tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jew ta' prodotti minerali, li joriġinaw mir-Russja jew minn raffineriji użati għaċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi. Tali tranżazzjonijiet jinkludu l-aċċess għall-faċilitajiet tar-raffineriji elenkati u l-forniment ta' kwalunkwe servizz. Huwa xieraq li tiġi identifikata raffinerija waħda minn dawk il-kriterji tal-elenkar u li tiżdied mal-Anness relevanti għad-Deċiżjoni (PESK) 2014/512.

(21) Huwa xieraq li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga fir-rigward tat-tranżazzjonijiet b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2, fir-rigward tat-tlestija, it-tħaddim, il-manutenzjoni jew l-użu ta' dawk il-pipelines.

(22) L-Unjoni diġà adottat miżuri biex tirrestrinġi d-dħul tar-Russja relatat mal-esportazzjonijiet tal-LNG. Tali esportazzjonijiet jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' bastimenti tankers tal-LNG u għalhekk huwa importanti li tiġi ristretta l-possibbiltà għar-Russja li tiġbor u tuża l-bastimenti tankers tal-LNG. Għal dak il-għan, huwa xieraq li jiġi introdott obbligu ta' notifika għall-bejgħ tal-bastimenti tankers tal-LNG u l-possibbiltà li jiġu introdotti restrizzjonijiet ġodda fuq il-bejgħ tal-bastimenti tankers tal-LNG sabiex dawk il-bastimenti tankers ma jibbenefikawx lill-interessi Russi.

(23) L-Unjoni ripetutament ħadet miżuri biex tidentifika istituzzjonijiet finanzjarji, istituzzjonijiet jew entitajiet ta' kreditu li jfornu servizz tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament li jiffaċilitaw is-salvataġġ finanzjarju kontinwu għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, sew billi jikkonnettjaw mas-sistema għat-trasferimenti ta' messaġġi finanzjarji tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa u sew billi jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, u biex tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni bejn dawk l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet u l-operaturi tal-Unjoni. L-evidenza turi li l-entitajiet f'pajjiżi terzi jkomplu jippermettu lir-Russja twettaq attivitajiet illeċiti. Għalhekk huwa xieraq li erba' entitajiet finanzjarji u 14-il entità li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi jiġu elenkati fl-Annessi rilevanti tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, bil-għan li tipprojbixxi t-tranżazzjonijiet bejnhom u l- persuni li jinsabu fl-Unjoni. Barra minn hekk huwa xieraq li titneħħa entità waħda mill-Anness XVIII tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Huwa xieraq wkoll li jiżdiedu ħames entitajiet mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi ta' pajjiżi terzi li jfixklu b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4o, 4p u 4x tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(24) Huwa ġġustifikat li tiġi estiża l-projbizzjoni għan-nazzjonali Russi jew għall-persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja li għandhom is-sjieda ta', jew jikkontrollaw, jew li jkollhom kwalunkwe kariga fil-korpi ta' tmexxija ta', ċerti persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, sabiex il-projbizzjoni tapplika għal kwalunkwe entità li qed tforni servizz tal-kriptoassi, kif definit fir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) .

(25) Sabiex iżommu l-aċċess għall-forniturі u għall-pjattaformi tas-servizzi tal-kriptoassi wara li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/508 ([6]) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/506 ([7]) ipprojbixxew l-involviment ma' kwalunkwe tali fornitur u pjattaforma stabbiliti fir-Russja, il-banek u persuni oħra fir-Russja, inklużi banek elenkati, qed jużaw pjattaformi li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja. Għadd minn dawk il-pjattaformi kriptoassi ġew elenkati taħt id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014 talli fixklu b'mod sinifikanti dawk l-atti jew talli fixklu b'mod sinifikanti d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ([8]) u mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([9]).

(26) Sabiex tiġi indirizzata tali ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu pprojbiti t-tranżazzjonijiet kollha ma' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma entitajiet li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi jew li huma pjattaformi li jippermettu l-iskambju jew it-trasferiment tal-kriptoassi u, li huma stabbiliti fil-pajjiżi terzi speċifikati fl-Anness rilevanti għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(27) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa ġġustifikat li jiżdiedu 33 istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tapplika għal ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji Russi jew entitajiet oħra, inklużi dawk li jissottoskrivu għal servizzi ta' messaġġi finanzjarji, jew għal sussidjarji Russi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji ta' pajjiżi terzi, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja u bankarja Russa, b'mod partikolari għaliex huma banek reġjonali kbar jew importanti, li konsegwentement jiffaċilitaw il-finanzi u n-negozju reġjonali u federali, jew banek li jiffaċilitaw il-pagamenti transfruntieri, jew li huma rilevanti għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari minħabba li huma banek li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna billi joperaw fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, jew billi jfornu servizzi finanzjarji fuq it-territorji okkupati tal-Ukrajna, jew banek li joffru servizzi finanzjarji lil persunal militari fil-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, jew banek li diġà huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew minn pajjiżi sħab.

(28) Huwa xieraq li tiġi introdotta deroga li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jawtorizzaw lin-nazzjonali tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea jew l-Iżvizzera biex jiġbdu l-fondi li jkollhom f'ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u entitajiet li jfornu servizz tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-involviment fi kwalunkwe tranżazzjoni sabiex jitterminaw l-operazzjonijiet, il-kuntratti jew ftehimiet oħra tagħhom mal-istituzzjoni jew l-entità rilevanti. Tali terminazzjoni sseħħ pereżempju jinkludu meta l-persuna fiżika tagħlaq il-kontijiet tagħha jew tiġbed il-fondi kollha li jkollha fl-entità rilevanti u ma tkompli tistabbilixxi jew iżżomm l-ebda relazzjoni ulterjuri kuntrattwali mal-entità rilevanti. Sabiex jittaffa r-riskju ta' ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li l-fondi jiġu trasferiti lil istituzzjonijiet tal-kreditu jew finanzjarji inkorporati skont il-liġi ta' Stat Membru jew li huma l-proprjetà ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji jew ikkontrollati minnhom, inkorporati skont il-liġi ta' Stat Membru. Dik l-eċċezzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-operaturi fl-Unjoni li jfornu servizzi ta' messaġġi finanzjarji lill-entitajiet elenkati fl-Annessi VIII, XVIII u XIX tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Għalhekk, dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-awtorità kompetenti tawtorizza l-forniment ta' tali servizzi.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (OJ L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/508 tat-23 ta' April 2026 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (OJ L, 2020/508, 23.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/508/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/506 tat-23 ta' April 2026 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (OJ L, 2020/506, 23.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/506/oj).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (OJ L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (OJ L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj).

(29) Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta deroga ċirkoskritta b'mod ristrett biex tippermetti l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ma' entità speċifika elenkata taħt l-entrata numru 4 fl-Anness XVIII għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK biss jekk ikun meħtieġ għall-ħlas ta' korrispettiv dovut lil istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni mwettaq abbażi ta' dritt ta' opzjoni put miftiehem kuntrattwalment u eżerċitat kif xieraq qabel it-28 ta' Frar 2022. Dik id-deroga ma ddgħajjifx l-objettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, u hija ġġustifikata biss mill-ħtieġa li tiġi indirizzata konsegwenza avversa mhux intenzjonata għal operatur tal-Unjoni. F'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li dik id-deroga ma tawtorizzax il-forniment ta' servizz speċjalizzat ta' messaġġi finanzjarji, li jenħtieġ li jibqa' pprojbit fi kwalunkwe ċirkostanza.

(30) Pajjiżi terzi adottaw miżuri restrittivi simili għal dawk relatati mal-ivvjaġġar fl-Unjoni minn diplomatiċi u uffiċjali konsulari Russi, kif ukoll membri tal-persunal amministrattiv, tekniku jew persunal tas-servizz ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari tar-Russja, jew il-membri tal-familja tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li tiġi estiża l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' dawk il-pajjiżi terzi dwar ksur possibbli tal-miżuri restrittivi rilevanti.

(31) Huwa xieraq li tiġi introdotta eċċezzjoni mmirata għall-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi direttament relatati mat-turiżmu fir-Russja.

(32) Huwa xieraq li tiġi introdotta deroga mmirata għal istituzzjonijiet speċifiċi tar-riċerka mill-projbizzjoni eżistenti dwar l-aċċettazzjoni ta' finanzjament, donazzjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju jew appoġġ ekonomiku ieħor mir-Russja, kemm direttament kif ukoll indirettament, biex tkopri l-obbligi eżistenti, per eżempju għat-tħaddim, il-manutenzjoni, il-modernizzazzjoni jew il-kostruzzjoni tal-istituzzjonjiet tar-riċerka kkonċernati.

(33) Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha implikazzjonijiet mifruxa, inkluż l-aggravament tar-riskji u t-theddid li qed tiffaċċja l-Unjoni għall-valuri, l-interessi fundamentali u s-sigurtà u l-ordni pubbliku tagħha. Bosta kumbattenti li pparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kemm jekk servew fil-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jew fi gruppi paramilitari affiljati, qed jirritornaw mill-front lejn ir-Russja jew qed jirrilokaw lejn pajjiżi terzi. Ħafna minn dawk il-kumbattenti kienu preċedentement ikkundannati u ġew reklutati mill-ħabsijiet Russi u mibgħuta għall-gwerra. Dawk il-kumbattenti ġew radikalizzati minn tattiċi Russi, raw atroċitajiet kontra l-popolazzjoni Ukrena jew pparteċipaw f'delitti tal-gwerra huma stess. Bl-isfond u l-indottrinazzjoni tagħhom, dawk l-individwi jippreżentaw riskju ġenerali ta' kriminalità vjolenti. Jekk jitħallew jivvjaġġaw jew jirrilokaw lejn l-Ewropa, dawn jistgħu jinvolvu ruħhom mal-kriminalità organizzata jew ma' movimenti estremisti jew isiru aġenti ta' operazzjonijiet ostili. Fid-dawl tal-istrateġiji ibridi usa' ta' gwerra tar-Russja, dawk l-individwi jistgħu jintużaw bħala difensuri tar-retorika tar-Russja fir-rigward tal-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna jew jiġu involuti fit-tixrid tad-diżinformazzjoni kemm dwar ir-raġunijiet għall-invażjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kif ukoll dwar l-imġiba tagħha fil-gwerra. Għalhekk, il-preżenza ta' dawn l-individwi fl-Unjoni tikkostitwixxi theddida għall-valuri tal-Unjoni, l-interessi fundamentali tagħha u s-sigurtà tagħha, kif ukoll għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat Membru wieħed jew iktar jew tal-Unjoni kollha. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja mir-Russja, l-eskalazzjoni kontinwa tagħha u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill relatati li jintroduċu miżuri li jnaqqsu r-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mar-Russja adottati mill-24 ta' Frar 2022, huwa xieraq li jiġi impost obbligu fuq l-Istati Membri li jirrifjutaw il-ħruġ ta' viżi ta' soġġorn qasir lilindividwi li jservu, jew servew, mill-24 ta' Frar 2022, b'mod attiv fil-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jew fi kwalunkwe grupp armat paramilitari, affiljat mal-militar jew irregolari assoċjat mal-gvern Russu, ikkontrollat minnu jew li jaġixxi taħt id-direzzjoni tiegħu, bil-għan li dan jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-paċi, jipprevjeni l-konflitt u jsaħħaħ is-sigurtà internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' dik il-miżura u li d-deċiżjonijiet jittieħdu fuq il-bażi ta' mġiba individwali, jixraq li din il-projbizzjoni tiġi applikata biss għal dawk li kkontribwew, direttament jew indirettament, għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz ta' operazzjonijiet ta' ġlied. Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni uniformi ta' din il-projbizzjoni mill-awtoritajiet konsulari, huwa xieraq li l-applikazzjoni tiġi differita sakemm tittieħed Deċiżjoni tal-Kunsill ladarba jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha. B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif rikonoxxut fl-Artikolu 7 tagħha, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni ma tapplikax meta Stat Membru jqis li dak id-dħul fit-territorju tiegħu jew it-tranżitu minnu jkun meħtieġ għal finijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interessi nazzjonali, jew minħabba obbligi internazzjonali, u jenħtieġ li ma tapplikax lil applikanti li huma dissidenti ta' jew diżerturi mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jew ta' kwalunkwe grupp armat paramilitari, affiljat mal-militar jew irregolari assoċjat mal-gvern Russu, ikkontrollat minnu jew li jaġixxi taħt id-direzzjoni tiegħu. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li tinħareġ viża b'validità territorjali limitata.

(34) Il-leġiżlazzjoni Russa u l-prattika tal-qorti Russi jippermettu lill-persuni jressqu pretensjoni quddiem ċerti qrati Russi, li mbagħad jasserixxu ġuriżdizzjoni fuq tilwim u jagħtu sentenzi li jikkundannaw lill-kumpaniji tal-Unjoni fir-rigward ta' kuntratti jew tranżazzjonijiet affettwati mill-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, l-evidenza turi li persuni, entitajiet jew korpi Russi, jew persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu permezz ta' waħda minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi Russi jew f'isimhom, jew li huma proprjetà ta' tali persuni, entitajiet jew korpi jew ikkontrollati minnhom – ifittxu jew jistgħu jfittxu li jibdew u jsegwu tali proċedimenti legali b'rabta mal-miżuri imposti skont id-Deċiżjonijiet 2014/145/PESK u 2014/512/PESK u r-Regolamenti (UE) Nru 269/2014 u Nru 833/2014, jew ifittxu jew jistgħu jfittxu li jiksbu r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenzi mogħtija permezz ta' tali proċedimenti legali. Sabiex tiġi ppreservata l-effettività tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jeħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni biex ittaffi l-effett ta' tali prattiki, billi tirrikjedi lill-Istati Membri biex ma jirrikonoxxu jew jinfurzaw l-ebda mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni amministrattiva oħra tal-qorti mogħtija minn qorti jew awtorità Russa b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont id-Deċiżjonijiet 2014/145/PESK u 2014/512/PESK u r-Regolamenti (UE) Nru 269/2014 u (UE) Nru 833/2014

(35) Huwa xieraq li l-iskadenzi applikabbli għal ċerti derogi meħtieġa għal żvestimenti mir-Russja jiġu estiżi. Jenħtieġ li l-operaturi jkunu konxji mill-fatt li r-Russja hija pajjiż fejn l-istat tad-dritt ma għadux jiġi applikat, u li l-Federazzjoni Russa adottat diversi atti leġiżlattivi mmirati kontra l-assi ta' kumpaniji minn hekk imsejħa "pajjiżi mhux ħbieb", fosthom Stati Membri. Dik is-sitwazzjoni wasslet għat-theddida persistenti li l-assi tal-Unjoni jibqgħu fir-Russja mingħajr il-possibbiltà li jiġu rtirati minn hemm b'mod ordnat. F'dak il-kuntest, huwa rrakkomandat bil-qawwa li l-impriżi fl-Unjoni jieħdu kwalunkwe pass possibbli biex jagħlqu n-negozji fir-Russja u ma jibdewx negozji ġodda hemmhekk. Sfortunatament, leġiżlazzjoni, sentenzi tal-qorti u prattiki ġodda fir-Russja għamluha saħansitra aktar diffiċli li l-operaturi tal-Unjoni jirtiraw mis-suq Russu b'mod ordnat. Għalhekk huwa xieraq li d-derogi ta' żvestiment jiġu estiżi biex l-impriżi tal-Unjoni jkunu jistgħu joħorġu malajr kemm jista' jkun mis-suq Russu. Dawk id-derogi estiżi jingħataw skont il-każ mill-Istati Membri u jiffukaw fuq li jippermettu proċess ta' żvestiment ordnat, li ma jkunx possibbli mingħajr l-estensjoni ta' dawk l-iskadenzi.

(36) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(37) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1aa jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2027, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili li jkun ġie konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.";

(b) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3a) B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għad-diżinvestiment u l-irtirar, sal-31 ta' Diċembru 2027, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew tas-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.";

(2) fl-Artikolu 1ad, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"8. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-ġbid ta' fondi jew l-għeluq ta' kontijiet li jkunu proprjetà ta' nazzjonal ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew ta' persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera, miżmuma f'persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XVIII u li kienu inklużi f'dak l-Anness fl-24 ta' Lulju 2026 jew wara, b'tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) it-tranżazzjoni tkun meħtieġa biex tali persuna fiżika ttemm operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XVIII;

(b) l-awtorizzazzjoni tintalab mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data tal-applikazzjoni indikata fl-Anness XVIII għall-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp rilevanti elenkati fih;

(c) il-fondi jiġu trasferiti lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru, jew lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata skont il-liġi ta' pajjiż terz li hija proprjetà ta', jew li hija kkontrollata minn, istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru.

Kwalunkwe awtorizzazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tingħata għal perjodu massimu ta' validità ta' tliet xhur.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu, fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

9. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 4 fl-Anness XVIII, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni hija meħtieġa għall-ħlas ta' korrispettiv dovut lil istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni mwettaq abbażi ta' dritt ta' opzjoni put miftiehem kuntrattwalment u eżerċitat kif xieraq qabel it-28 ta' Frar 2022.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu, fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(3) fl-Artikolu 1ae, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-ġbid ta' fondi jew l-għeluq ta' kontijiet li jkunu proprjetà ta' nazzjonal ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew ta' persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera, miżmuma f'persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XIX u li kienu inklużi f'dak l-Anness fl-24 ta' Lulju 2026 jew wara, b'tali kundizzjonijiet li dawk l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) it-tranżazzjoni tkun meħtieġa biex tali persuna fiżika ttemm operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XIX;

(b) l-awtorizzazzjoni tintalab mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data tal-applikazzjoni indikata fl-Anness XIX ta' din id-Deċiżjoni għall-persuna ġuridika, entità jew korp rilevanti elenkati fih;

(c) il-fondi jiġu ttrasferiti lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru, jew lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata skont il-liġi ta' pajjiż terz li tkun proprjetà ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu jew ikkontrollata minnha inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru.

Kwalunkwe awtorizzazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tingħata għal perjodu massimu ta' validità ta' tliet xhur.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu, fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(4) fl-Artikolu 1af, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Għandu jkun ipprojbit l-involviment fi kwalunkwe tranżazzjoni, direttament jew indirettament, mar-raffineriji elenkati fil-Parti D tal-Anness XXI. Il-parti D tal-Anness XXI għandha tinkludi raffineriji fir-Russja u f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja, li jintużaw:

(a) għall-ipproċessar jew ir-raffinar ta' żejt mhux maħdum jew l-ipproċessar jew it-taħlit ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkati fl-Anness XIII, jew ta' prodotti minerali, li joriġinaw mir-Russja; jew

(b) b'tali mod li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fil-ksur jew l-evitar jew b'xi mod ieħor ifixklu b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, tad-Deċiżjonijiet 2014/145/PESK, 2014/386/PESK jew (PESK) 2022/266, jew tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014, (UE) Nru 833/2014 jew (UE) 2022/263.

2b. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 2a għandha tapplika fir-rigward tal-entrata numru 1 fil-Parti D tal-Anness XXI mill-25 ta' Jannar 2027. Il-Kummissjoni għandha, sal-25 ta' Ottubru 2026, tirrapporta lill-Kunsill il-valutazzjoni tagħha dwar jekk l-elenkar imsemmi fl-entrata numru 1 fil-Parti D tal-Anness XLVII għandux jinżamm.";

(5) fl-Artikolu 1ag(3), l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3 B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa:";

(6) l-Artikolu 1b(2a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2a. Mit-18 ta' Jannar 2024, għandu jkun ipprojbit li nazzjonali Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja direttament jew indirettament jippossjedu jew jikkontrollaw, jew ikollhom kwalunkwe kariga fil-korpi ta' tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkun qed jipprovdi servizzi ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja. Mill-25 ta' Awwissu 2026, dik il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkunu qed jipprovdu kwalunkwe servizz ieħor tal-kriptoassi, kif definit fir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).";

(7) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 1bc

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu entità li tforni servizzi tal-kriptoassi jew li jkunu pjattaforma li tippermetti l-iskambju jew it-trasferiment ta' kriptoassi u li jkunu stabbiliti f'pajjiż terz elenkat fl-Anness XXX.

2. L-Anness XXX għandu jinkludi biss pajjiżi terzi li jkunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala li naqsu b'mod sistematiku u persistenti milli jipprevjenu l-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi, jew milli jipprevjenu lil pjattaformi jiskambjaw jew jittrasferixxu l-kriptoassi, u b'hekk ifixklu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jew tar-Regolamenti (UE) Nru 269/2014 u Nru 833/2014.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għat-tranżazzjonijiet magħmula minn nazzjonali ta' Stat Membru li huma residenti ta' pajjiż elenkat fl-Anness XXX u li kienu hekk qabel id-data rilevanti indikata f'dak l-Anness.";

(8) fl-Artikolu 1e, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-ġbid ta' fondi jew l-għeluq ta' kontijiet li jkunu proprjetà ta' nazzjonal ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew ta' persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera, miżmuma f'persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness VIII u li kienu inklużi f'dak l-Anness fl-24 ta' Lulju 2026, jew wara, b'tali kundizzjonijiet li dawk l-awtoritajiet kompetenti iqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) it-tranżazzjoni tkun meħtieġa biex tali persuna fiżika ttemm operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII;

(b) l-awtorizzazzjoni tintalab mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni indikata fl-Anness VIII għall-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp rilevanti elenkati fih;

(c) il-fondi jiġu ttrasferiti lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru, jew lil istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu inkorporata skont il-liġi ta' pajjiż terz li tkun proprjetà ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu jew ikkontrollata minnha inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru.

Kwalunkwe awtorizzazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tingħata għal perjodu massimu ta' validità ta' tliet xhur.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu, fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(8) fl-Artikolu 1k, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' sistema ta' riżervazzjoni kompjuterizzata kif definita fir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), jew kwalunkwe Regolament sussegwenti li jissostitwixxih.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/80/oj).";

(10) l-Artikolu 1p huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet, benefiċċji ekonomiċi jew appoġġ, inkluż finanzjament u assistenza finanzjarja, mill-Faċilità Ewropea għal-Laser Ħieles mill-X-Ray (EuXFEL), il-Faċilità għar-Riċerka Antiprotona u Jonika fl-Ewropa (FAIR) u l-Faċilità Ewropea għar-Radjazzjoni tas-Synchrotron (ESRF), dment li tali donazzjonijiet, benefiċċji ekonomiċi jew appoġġ, inkluż finanzjament u assistenza finanzjarja, ikunu bbażati fuq ftehimiet internazzjonali mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3 jew 3a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(11) fl-Artikolu 3(4), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) in-networks tal-komunikazzjoni elettronika ċivili li mhumiex proprjetà ta' entità li hija kkontrollata pubblikament jew b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika;";

(12) fl-Artikolu 3a(4), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) in-networks tal-komunikazzjoni elettronika ċivili li mhumiex proprjetà ta' entità li hija kkontrollata pubblikament jew b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika;";

(13) l-Artikolu 4k huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3bb;

(b) il-paragrafu 3bc huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3bc. Mis-26 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għax-xiri jew l-importazzjoni lejn l-Ungerija ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati minn ġewwa r-Russja, dment li l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv fl-Ungerija.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3bg. Fir-rigward ta' ċerti liġi tal-metall, metalli, kimiċi, żejt tal-tall, oġġetti tal-ħġieġ u partijiet tal-karozzi il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Ottubru 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Lulju 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(d) jitħassar il-paragrafu 3cg;

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stipulati fil-paragrafi 3ch, 3h u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.";

(f) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.";

(14) l-Artikolu 4m huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3ak jitħassar;

(b) fil-paragrafu 4a, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7615 10, il-kodiċi NM 8414 51, il-kodiċi NM 8414 60, il-kodiċi NM 8422 30 u l-kodiċi NM 8423 10;":

(c) il-paragrafu 4g huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4g. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-esportazzjoni u t-trasferiment tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8517 62 u 8523 52, kif elenkati fl-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, dment li jkunu maħsuba għal networks tal-komunikazzjoni elettronika ċivili li mhumiex proprjetà ta' entità li hija kkontrollata pubblikament jew b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika.";

(15) Fl-Artikolu 4o, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, f'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati minn ġewwa r-Russja, kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, jew kwalunkwe servizz relatat ieħor, wara li jkunu stabbilew li:

(a) l-oġġetti kkonċernati jkunu ġew issekwestrati jew ikkonfiskati minn awtorità ta' Stat Membru matul proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali;

(b) l-oġġetti kkonċernati jibqgħu taħt il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' entità li taġixxi f'isem dawk l-awtoritajiet matul il-perjodu tal-kustodja, tal-ġestjoni u tal-ħżin tal-oġġetti, sal-bejgħ possibbli tagħhom;

(c) l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) ma jirriżultawx, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe pagament jew tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi Russi, jew dawk stabbiliti fir-Russja.";

(16) fl-Artikolu 4oa, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, lill-importaturi biex ma jipprovdux evidenza tal-pajjiż ta' oriġini taż-żejt mhux maħdum użat għar-raffinar tal-prodott f'pajjiż terz kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, wara li jkunu stabbilixxew li:

(a) il-prodotti petroliferi kkonċernati jkunu maħsuba biex ifornu reġjun ultraperiferiku skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew assoċjat mal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 198 ta' dak it-Trattat;

(b) minħabba l-limitazzjonijiet ġeografiċi, loġistiċi jew ta' provvista speċifiċi partikolari għal dawk ir-reġjuni, il-pajjiżi jew it-territorji, ikun hemm riskju ppruvat ta' tfixkil jew tfixkil serju fil-provvista ta' prodotti petroliferi; u

(c) ma jkun disponibbli l-ebda sors alternattiv biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista lir-reġjun, lill-pajjiż jew lit-territorju kkonċernat taħt kundizzjonijiet ekonomikament u loġistikament vijabbli.";

(17) l-Artikolu 4p huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6b, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' trasport, jew assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali trasport, tal-prodotti msemmija fil-Parti A tal-Anness XII lill-pajjiżi terzi msemmija fih, għad-durata speċifikata f'dak l-Anness.";

(b) jiżdiedu l-paragrafu li ġejjin:

"13. L-obbligu tal-Kummissjoni stabbilit fil-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu, inkluż il-kalkolu tal-prezz medju tas-suq taż-żejt mhux maħdum Russu fuq perjodu ta' 22 ġimgħa, il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' dak il-prezz medju tas-suq u l-emenda tal-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, għandu jiġi sospiż mill-24 ta' Lulju 2026 sal-14 ta' Lulju 2027.

14. Sal-15 ta' Jannar 2027, abbażi tal-valutazzjonijiet tal-prezz ipprovduti minn aġenziji ta' rappurtar awtorizzati, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-prezz medju tas-suq taż-żejt mhux maħdum Russu fuq perjodu ta' 22-il ġimgħa li jibda mill-25 ta' Ġunju 2026 u tirrapporta l-prezz ikkalkulat ġdid lill-Kunsill.

Abbażi tar-rapport mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jirrieżamina l-limitu massimu tal-prezz u jista' jiddeċiedi fuq proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni li jiġi emendat l-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Il-limitu massimu emendat tal-prezz għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara x-xahar tad-dħul fis-seħħ ta' dik l-emenda tal-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kunsill, il-limitu massimu tal-prezz applikabbli għandu jibqa' fis-seħħ.

Mill-15 ta' Lulju 2027, għandha terġa' tibda l-applikazzjoni tal-proċedura biex jiġi emendat il-limitu massimu tal-prezz taż-żejt stipulata fil-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu.";

(18) Fl-Artikolu 4pb, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, f'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-ħżin temporanju u t-tqegħid taħt il-proċedura ta' żona libera skont l-Artikolu 245(3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, , ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni fit-territorju tal-Unjoni, jekk l-oġġetti joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati minn ġewwa r-Russja, wara li jkunu stabbilew li:

(a) l-oġġetti kkonċernati jkunu ġew issekwestrati jew ikkonfiskati minn awtorità ta' Stat Membru matul proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali;

(b) l-oġġetti kkonċernati jibqgħu taħt il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' entità li taġixxi f'isem dawk l-awtoritajiet.";

(19) L-Artikolu 4r huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, id-data "31 ta' Diċembru 2026" tinbidel b'dik ta' "31 ta' Diċembru 2027";

(b) fil-paragrafu 1a, id-data "31 ta' Diċembru 2026" tinbidel b'dik ta' "31 ta' Diċembru 2027;

(c) fil-paragrafu 2, id-data "31 ta' Diċembru 2026" tinbidel b'dik ta' "31 ta' Diċembru 2027;

(d) fil-paragrafu 2a, id-data "31 ta' Diċembru 2026" tinbidel b'dik ta' "31 ta' Diċembru 2027;

(20) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 4va

1. Kwalunkwe bejgħ jew arranġament ieħor li jinvolvi trasferiment tas-sjieda minn nazzjonal ta' Stat Membru, minn persuna fiżika residenti fi Stat Membru, jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni lil kwalunkwe pajjiż terz ta' bastiment tanker tal-LNG li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 għandu jiġu nnotifikat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn is-sid tal-bastiment huwa ċittadin, residenti jew huwa stabbilit.

In-notifika lill-awtorità kompetenti għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identitajiet tal-bejjiegħ u tax-xerrej;

(b) fejn applikabbli, id-dokumenti tal-inkorporazzjoni tal-bejjiegħ u tax-xerrej, inkluż il-parteċipazzjoni azzjonarja u t-tmexxija;

(c) in-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tal-bastiment; kif ukoll

(d) is-Sinjal tas-Sejħa tal-bastiment.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe notifika skont il-paragrafu 1, fi żmien ġimgħa min-notifika.

3. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kunsill għandu jirrieżamina sal-25 ta' Ottubru 2026 jekk għandhiex tidħol fis-seħħ projbizzjoni kif prevista fil-paragrafi 4 sa 9.

4. Mid-data deċiża mill-Kunsill skont il-paragrafu 10, għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe nazzjonal ta' Stat Membru, persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni, li jbigħu jew inkella jittrasferixxu s-sjieda, direttament jew indirettament, ta' bastimenti trasportaturi ta' gass naturali likwifikat (LNG) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

5. Bi qbil mal-paragrafu 4, kwalunkwe nazzjonal ta' Stat Membru, kwalunkwe persuna fiżika residenti fi Stat Membru u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni, li jbigħu jew inkella jittrasferixxu s-sjieda, lil persuni, entitajiet u korpi fi kwalunkwe pajjiż terz, direttament jew indirettament, ta' bastiment tanker tal-LNG, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 għandhom:

(a) jieħdu passi xierqa, b'mod proporzjonat għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji ta' devjazzjoni ulterjuri għal persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) jimplimentaw politiki, kontrolli u proċeduri xierqa, b'mod proporzjonat għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jimmitigaw u jimmaniġġaw b'mod effettiv ir-riskji msemmija fil-punt (a).

6. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 5 li jakkwistaw bastimenti trasportaturi tal-LNG għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jitlestew il-passi msemmija fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu.

7. Il-passi msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a), għandhom iqisu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli fil-mument tal-bejgħ jew tat-trasferiment.

8. Kwalunkwe bejgħ jew arranġament ieħor li jinvolvi trasferiment tas-sjieda minn nazzjonal ta' Stat Membru, minn persuna fiżika residenti fi Stat Membru, jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni lil kwalunkwe pajjiż terz ta' bastiment trasportatur tal-LNG li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 għandu jkun fih projbizzjoni kuntrattwali bil-miktub fuq kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri tal-bastiment lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

9. Il-bejgħ jew arranġament ieħor imsemmi fil-paragrafu 8 għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet kuntrattwali bil-miktub li permezz tagħhom il-parti tal-pajjiż terz li takkwista l-bastiment:

(a) timpenja ruħha li tirrifletti l-projbizzjoni fil-paragrafu 8 fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri li twettaq; u

(b) tobbliga, fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri, lill-akkwirent tal-bastiment biex jinkludi dispożizzjonijiet kuntrattwali bil-miktub ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-paragrafu 8 u dan il-paragrafu.

10. Il-paragrafi 4 sa 9 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kunsill abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli, ibbażata fuq il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3.";

(21) fl-Artikolu 4wa, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għat-trasferiment bil-bastiment, jew għal assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali trasport, tal-prodotti elenkati fil-Parti B tal-Anness XII lill-pajjiżi terzi msemmija fih, għad-durata speċifikata f'dak l-Anness.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-paragrafu 1 ma għandux japplika sal-25 ta' Lulju 2027 u minn hemm 'il quddiem għal perjodi suċċessivi ta' sena, ħlief jekk il-Kunsill wara rieżami annwali jiddeċiedi mod ieħor, għal trasferimenti u, fejn rilevanti, għal xiri relatat ma' dawk it-trasferimenti li huma destinati għal pajjiżi terzi meta kemm it-trasferiment kif ukoll ix-xiri jitwettqu skont kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Frar 2022, li d-durata tagħhom taqbeż sena u li ma ġewx emendati wara dik id-data, ħlief jekk tali emenda tkun limitata għal:

(a) it-tnaqqis tal-kwantitajiet ikkuntrattati;

(b) għall-kuntratti ta' xiri, it-tnaqqis tal-prezzijiet u tat-tariffi;

(c) l-emendar tal-klawżoli tal-kunfidenzjalità;

(d) l-emendar tal-proċeduri operazzjonali, bħal proċeduri ta' komunikazzjoni;

(e) bidliet fl-indirizzi tal-partijiet kontraenti;

(f) trasferimenti ta' obbligi kuntrattwali bejn impriżi affiljati;

(g) bidliet meħtieġa minn proċeduri ġudizzjarji jew ta' arbitraġġ; jew

(h) għall-kuntratti ta' xiri, għall-pajjiżi mingħajr kosta, bidliet bejn il-punti ta' twassil nazzjonali.

L-eżenzjoni temporanja għall-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għat-trasferimenti tal-LNG, kif stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha tapplika biss f'sena partikolari sal-volum annwali ta' LNG li oriġina jew li ġie esportat mir-Russja fl-2025 ittrasferit minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 skont il-kuntratti fit-tul eżistenti ta' dik il-persuna, l-entità jew il-korp, kif speċifikat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, irrispettivament mid-destinazzjoni tiegħu. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li jittrasferixxu l-LNG li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat minnha lejn pajjiżi terzi għandhom jirrapportaw il-volumi storiċi rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih sal-25 ta' Awwissu 2026, u dak l-Istat Membru għandu jirrapporta dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

Il-miżuri previsti f'dan il-paragrafu għandhom jinżammu taħt rieżami regolari.

Sal-25 ta' Ġunju 2027 u kull 12-il xahar minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill valutazzjoni tal-miżuri previsti f'dan il-paragrafu. Dik il-valutazzjoni tista' tiġi ppreżentata f'data aktar bikrija meta jitqies ġustifikat mill-Kummissjoni.

Filwaqt li jaġixxi abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu fuq bażi annwali u mingħajr dewmien żejjed jirrieżamina l-funzjonament tal-miżuri previsti f'dan il-paragrafu fid-dawl tal-effetti ekonomiċi tagħhom u l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni.

Wara r-rieżami tiegħu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli, li jqassar, jestendi jew itemm l-eżenzjoni temporanja f'dan il-paragrafu, filwaqt li jqis l-effettività tal-projbizzjoni f'dan l-Artikolu kif ukoll is-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' ċerti Stati Membri u ċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.";

Sal-25 ta' Awwissu 2026 u kull tliet xhur minn hemm 'il quddiem, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-korpi u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 li jittrasferixxu jew jixtru fir-rigward ta' dak it-trasferiment tal-LNG li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat minnha lejn pajjiżi terzi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull vjeġġ, kif disponibbli, għal trasferiment jew xiri relatat ma' dak it-trasferiment, li l-Istat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed:

(a) in-numru ta' referenza tal-merkanzija jew in-numru tal-polza ta' kargu;

(b) in-numru tal-OMI tal-bastiment, l-isem, l-istat tal-bandiera u t-tip ta' trasportatur;

(c) id-data, il-port u t-terminal tat-tagħbija u tal-ħatt;

(d) id-destinazzjoni finali;

(e) il-volum mgħobbi u skarikat;

(f) id-durata tal-kuntratt;

(g) il-valur tal-kuntratt għal kull merkanzija u d-dħul gross assoċjat ma' kull vjeġġ;

(h) isem ix-xerrej u l-benefiċjarju aħħari;

(i) isem il-bejjiegħ u l-ispeditur.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali rilevanti.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata skont dan l-Artikolu ma tiġix imnaqqsa fil-grad jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur ta' dik l-informazzjoni klassifikata.";

(22) l-Artikolu 4wb huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4wb

Mill-1 ta' Jannar 2027, għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi fit-terminal tal-LNG lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li tkun aktar minn 50 % proprjetà ta' ċittadin Russu jew persuna ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew ikkontrollati minnhom.

Għandu jkun ipprojbit li jinżammu kuntratti li jikkonċernaw servizzi pprojbiti tal-LNG skont dan l-Artikolu wara l-1 ta' Jannar 2027.";

(23) fl-Artikolu 4x(2), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(h) ifornu servizzi lil bastimenti dežinjati taħt il-punti (a) sa(g), bħal servizzi ta' bunkering u servizzi ta' rmonk; jew

(i) iwettqu trasferimenti minn bastiment għal ieħor b'bastimenti dežinjati taħt il-punti (a) sa(h).";

(24) fl-Artikolu 5d, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill, lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein, lin-Norveġja u lill-Iżvizzera bi kwalunkwe każ ta' ksur tal-obbligu fil-paragrafu 1.";

(25) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 5f

1. Il-viżi għal soġġorn qasir għandhom jiġu rrifjutati lill-applikanti li qed iservu, jew li jkunu servew, mill-24 ta' Frar 2022, b'mod attiv fil-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, jew fi kwalunkwe grupp paramilitari, affiljat mal-militar, jew grupp armat irregolari, assoċjat mal-gvern Russu, ikkontrollat minnu, jew li jaġixxi taħt id-direzzjoni tiegħu, meta dawk l-applikanti jkunu kkontribwew direttament għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz ta' operazzjonijiet ta' ġlied. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu rrifjutati għar-raġunijiet li jikkostitwixxu theddida għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna jew theddida għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe mill-Istati Membri tagħha.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika f'każijiet fejn Stat Membru jqis li d-dħul fit-territorju tiegħu jew it-tranżitu minnu jkun meħtieġ għal finijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali, u ma għandux japplika fir-rigward ta' applikanti li jippreżentaw evidenza konklużiva li huma dissidenti ta' jew diżerturi mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jew ta' kwalunkwe wieħed mill-gruppi msemmija f'dak il-paragrafu. F'każijiet tali, għandha tinħareġ viża b'validità territorjali limitata. Viża b'validità territorjali limitata għandha tkun valida għat-territorju tal-Istat Membru emittenti. Eċċezzjonalment tista' tkun valida għat-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, suġġett għall-kunsens ta' kull tali Stat Membru."

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi implimentat mingħajr preġudizzju għal u f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-qafas regolatorju rilevanti tal-viża, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

4. Dan l-Artikolu għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni li trid tiġi adottata mill-Kunsill, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli, ladarba jkunu ttieħdu l-azzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-implimentazzjoni tal-miżura f'dan l-Artikolu, inkluż, fejn xieraq, fil-qafas regolatorju rilevanti tal-viża. ";

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).';

(26) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u skont il-każ, jistgħu jawtorizzaw, sal-31 ta' Diċembru 2027, l-issodisfar ta' pretensjoni magħmula minn waħda mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi indikati fil-paragrafu 1, il-punt (b), skont tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-issodisfar tal-pretensjoni jkun strettament meħtieġ għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.";

(27) fl-Artikolu 7a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-ebda mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-qorti jew amministrattiva skont l-Artikolu 248.1 jew l-Artikolu 248.2, jew derivati minn dawn l-Artikoli tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti, jew mogħtija minn qorti jew awtorità Russa b'konformità ma' kwalunkwe liġi oħra tal-Federazzjoni Russa, li jżommu persuna msemmija fl-Artikolu 13 il-punt (c) jew (d), tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, responsabbli, kemm jekk taħt kuntratt jew delitt, jew fuq kwalunkwe bażi legali oħra, jew li tagħti effett, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe pretensjoni, dritt jew obbligu allegat kontra tali persuna, inkluż fil-kuntest ta' insolvenza, falliment, ristrutturar jew proċedimenti analogi, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, ma għandhom jiġu rikonoxxuti, mogħtija effett jew infurzati fi Stat Membru.";

(28) l-Artikolu 8c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8c

Il-Kunsill, li qed jaġixxi b'unanimità abbażi tal-Artikoli 29 u 30 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandu jemenda l-Annessi I, II, III, IV, V, VI, VIII, IX, X, XI, XIV, XVI, XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII, XXIII, XXIV, XXV, XXVI, XXVII, XXVIII, XXIX u XXX.";

(29) l-Annessi tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness IV:

(a) l-entrata 581 hija sostitwita b'dan li ġej:

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
"581.	SFT LLC Isem lokali: Обрество с Ограниченной Ответственостм «СрТ» (ООО «СрТ») magħrufa wkoll bħala: SFT ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata; CFT; OOO SFT; Obshchestvo S Ogranichennoi Otvetstvennostyu SFT	Indirizz(i): 115114, Moska, Distrett Muniċipali ta' Zamoskvorechye, Kozhevnicheskaya Str., 10, Building 1, il-Federazzjoni Russa Telefon: +7 (495) 995-71-08 Sit web: https://cftech.ru/ Email: info@cftech.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7725842590 (Tax ID/INN)	18.12.2023";

(b) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
922.	LLC NTK Isem lokali: OOO HTK	Indirizz: Room 3, Building 1, Lenin Avenue 21, 428003 Cheboksary, Chuvash Republic, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1215232483 (INN)	24.7.2026
923.	Asialink Logistics LLC magħrufa wkoll bħala: Aziyalink Logistics LLC; Asialink Shanghai Intl Logistics Co. Ltd Isem lokali: ООО Азиялинк Логистикс	Indirizzi: Office 250, Floor 3, Butlerova Str. 17, 117342 Moscow, Russian Federation; Office 229, Sheremetyevskoye Highway 6K, 141426 Khimki, Moscow Oblast, Russian Federation Telefown: +8 800 222 75 52 Sit web: https://asi-log.com; https://asialink-logistics.com Indirizz elettroniku: request@asi-log.com Numru tar-reġistrazzjoni: 9728024860 (INN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
924.	LLC Korvet SPB Isem lokali: ООО Корвет СПБ	Indirizz: Office 79, Building B, Ivana Fomina Str. 6, 194295 Saint Petersburg, Russian Federation Telefown: +7 812 2143858 Sit web:: http://corvetspb.ru Indirizz elettroniku: info@corvetspb.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7802537882 (INN)	24.7.2026
925.	Pixel Devices Limited	Indirizz: 16/F, New Hennessey Tower, 263 Hennessey Road, Wanchai, Hong Kong Telefown: +852 3959 8125 Sit web: http://pixel-devices.com Indirizz elettroniku: info@pixel-devices.com Numru tar-reġistrazzjoni: 2569276 (TRN); 68097356 (BRN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
926.	Mastel Makina Ithalat Ihracat Limited Sirketi	Indirizzi: 9, Block A, Selenium Retro 9, Chobancheshme e5 No. 16/1, Atakoy 7-8-9-10 District, 34203 Bakirkoy, Istanbul, Republic of Türkiye; No. 18/20/1 Beyazit Mahallesi Kalcilar Sokak, 34126 Fatih, Istanbul, Republic of Türkiye Telefown: +90 501 000 00 47 Sit web: https://www.mastelmakina.com Indirizz elettroniku: info@mastelmakina.com Numru tar-reġistrazzjoni: 145225-5	24.7.2026
927.	LLC TMK magħrufa wkoll bħala: LLC Trademicrocomponent Isem lokali: ООО ТМК; ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ ТРЕЙДМИКРОКОМПОНЕНТ	Indirizz: Room V, Office 25b, Building 13, Floor 8, Akademika Koroleva Str., Municipal District Ostankinsky, 129515, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 985 6823802 Sit web: www.tmc-msc.ru Indirizz elettroniku: info.@tmc-msc.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9717092033 (INN)	24.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1849/oj

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
928.	LLC KB LIS magħrufa wkoll bħala: LLC CB Lis Isem lokali: ООО КБ Лис	Indirizz: Office 511, 17 Vsevolozhsky Avenue, 188640 Vsevolozhsk, Leningrad Oblast, Russian Federation Telefown: +7 812 2141287 Sit web: http://kblis.ru Indirizz elettroniku: sales@kblis.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 4706059162 (INN)	24.7.2026
929.	RLVT Tula magħrufa wkoll bħala: LLC Russian Laboratory of Air Transport; Russian Air Transport Laboratory LLC; LLC Russkaya Laboratoriya Vozdushnogo Transporta Isem lokali: ООО РЛВТ	Indirizz: Office 3, Building 3d, Ryazanskaya Str., 300026, Tula Oblast, Tula City, Russian Federation Telefown: +7 953 9599991 Indirizz elettroniku: company@ovod71.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7100027464 (INN); 1227100012369 (OGRN)	24.7.2026

"Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
930.	OKB Astron magħrufa wkoll bħala: OKB Astron JSC; JSC Optical and Mechanical Design Bureau Astron; AO OKB ASTRON Isem lokali: АО ОКБ Астрон	Indirizzi: Room 3, Artema Str. 2b, 283086 Donetsk City, Donetsk Temporarily Occupied Territory, Ukraine; Parkovaya St. 1, 140080 Lytkarino, Moscow Oblast, Russian Federation Telefown(s): +7 495 2151382; +7 495 2151379 Sit web: https://astrohn.ru/ Indirizz elettroniku: info@astrohn.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 5027224977 (INN)	24.7.2026
931.	Xiefeng (HK) Int'l Electronics Ltd. Isem lokali: 攜豐(香港)國際電子有限公司	Indirizz: Room A, 3/F, Wing Tat Commercial Building, 121-125 Wing Lok Str., Sheung Wan, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 37624249 (BRN); 1108242 (TRN)	24.7.2026
932.	Corp-Link International Forwarding Ltd. Isem lokali: 聯盈國際物流有限公司	Indirizz: Flat A1, 2/F Wing Cheung Industrial Building, 58-70 Kwai Cheong Road, Hong Kong Sit web: www.corplink-logistics.com Numru tar-reġistrazzjoni: 50664436 (BRN); 1336155 (TRN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
933.	Dalian Unimatic Trading Co. Ltd. magħrufa wkoll bħala: Dalian Youmante Trading Co. Ltd Isem lokali: 大连尤曼特贸易有限公司	Indirizz: Room 321-01, 3rd Floor, No. 199 Zhuangda Road, Changsheng Str., Zhuanghe City, Dalian City, Liaoning Province, People’s Republic of China Numru tar-reġistrazzjoni: 91210283MAC567EQ70 (USCC)	24.7.2026
934.	Altegrity LLC Isem lokali: ООО Альтегрити	Indirizz: Office 1TS, Building 11, 4th Magistralnaya Str., Khoroshevsky Municipal District, 123308 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 9847144 Numru tar-reġistrazzjoni: 7716619740 (INN); 5087746394269 (OGRN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
935.	Shenzhen Yilian Technology Development Co. Ltd Isem lokali: 深圳市易连科技开发有限公司	Indirizz: Floor 6, Building 5, Rundongsheng Industrial Zone 467, Xixiang Section of National Highway 107, Longteng Community, Xixiang Subdistrict, Bao'an District, 518100 Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +86 13392854255 Sit web: https://www.e-lines.cn/ Indirizz elettroniku: info@e-lines.cn Numru tar-reġistrazzjoni: 91440300061413490Q (USCC)	24.7.2026
936.	KCONE International Trade Ltd. Isem lokali: 鯤宸國際貿易有限公司	Indirizz: Room 101A, 1/F Genplas Industrial Building, 56 Hoi Yuen Road, Kwun Tong, Kowloon, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 75088396 (BRN); 3256373 (TRN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
937.	Alfatrex Dis Ticaret Limited Sirketi	Indirizz: Ataköy 7. 8. 9. 10. Kısım Mahallesi, Çobançeşme E5 Yanyol Caddesi, No:22/1, Nef22 A Blok, Daire No: 227, 34158 Bakırköy, Istanbul, Republic of Türkiye Sit web: www.alfatrex.com.tr Numru tar-reġistrazzjoni: 411319-5	24.7.2026
938.	Guangzhou Feiren Logistics Co. Ltd. magħrufa wkoll bħala: Feiren Logistics (Guangzhou) Co. Ltd Isem lokali: 广州市飞仁物流有限公司	Indirizzi: Room 106, 1st Floor, Dishen Warehouse, No. 221 Tongjia Road, Tongde Str., Baiyun District, 510405 Guangzhou, People’s Republic of China Telefown: +86 36513456 Numru tar-reġistrazzjoni: 91440101687679653R (USCC)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
939.	LLC Exima MSK magħrufa wkoll bħala: Eksima MSK Isem lokali: ООО ЭКСИМА МСК	Indirizz: Apartment 64, Building 1, Gorbunova Str. 17, Mozhaisky Municipal District, 121596 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 5454686 Sit web: https://exima-msk.com/ Indirizz elettroniku: info@exima-msk.com Numru tar-reġistrazzjoni: 9731097379 (INN), 1227700483350 (OGRN)	24.7.2026
940.	Newton-ITM LLC magħrufa wkoll bħala: Nyuton-ITM; Neyuton ITM; LLC Neyuton ITM; Engineering Center SDM LLC Isem lokali: ООО Ньютон-Итм	Indirizzi: Room 4N/3, Office 303, Building 31, Mira Avenue 102, 129626, Moscow, Russian Federation; Workshop 11a, Tsentralnaya Str., 81 Novoseltsovo Village, Mytishchi, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 280 05 88 Sit web: https://www.newton-itm.com/ Indirizz elettroniku: newton-itm@newton-itm.com; info@newton-itm.com Numru tar-reġistrazzjoni: 5032295067 (INN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
941.	JSC Elekond magħrufa wkoll bħala: JSC Elecond Isem lokali: АО Элеконд	Indirizz: Kalinina Str. 3, 427968 Sarapul, Russian Federation Telefown: +7 341 4729989; +7 341 4729977 Sit web: https://elecond.ru/ Indirizz elettroniku: elecond-market@elcudm.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1827003592 (INN)	24.7.2026
942.	LLC Uralshina magħrufa wkoll bħala: LLC Ural Tire Plant; Uralskii Shinnyi Zavod Isem lokali: ООО Уралшина	Indirizz: Building 76, Blagodatskaya Str., Yekaterinburg, 620087, Sverdlovsk Oblast, Russian Federation Telefown: +7 343 2641200; +7 343 2641256; +7 343 2641119 Sit web:: https://uralshina.ru/ Indirizz elettroniku: shina@uralshina.ru; sbit@uralshina.ru; snab@uralshina.ru; rabota@uralshina.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 6674134107 (INN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
943.	LLC Metall Service Isem lokali: ООО Металл Сервис	Indirizz: Apartment 1, 60 Eletskaya Str., Tambov, 392009, Tambov Oblast, Russian Federation Telefown: +7 800 200 68 21 Sit web: https://mc24.ru/ Indirizz elettroniku: info@mc24.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 6829008267 (INN)	24.7.2026
944.	LLC PE-5 magħrufa wkoll bħala: LLC Polyezny Element-5 Isem lokali: ООО ПЭ-5	Indirizz: Block 1, Building 1, 2nd Karacharovskaya Str., 109202, Moscow, Russian Federation Sit web: www.pe-5.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9721206357 (INN)	24.7.2026

“Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
